# Minuti tal-wieħed u għoxrin (21) laqgħa
# tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur
# Nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu, 2013 fl-4:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Soċjeta Filarmonika Mnarja.** Attendew tliet rappreżentati mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja (John Paul Azzopardi, Segretarju, John Xuereb u Paul Portelli, membri). Huma ngħataw permess biex jindirizzaw lill-Kunsill. Huma talbu spjeggazzjoni għaliex fl-attivita tagħhom li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju fi Gnien il-Kunsill huma ma ngħatawx permess biex ibiegħu biljetti. Ġie spejgat li l-"policy" tal-Kunsill hija li ma jingħatax aktar minn permess wieħed għall-attivita fl-apert fl-istess ġurnata u ħin.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru għoxrin (20) tas-seba' Kunsill ġew ikkorġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Streaming.** Is-Sindku għamel mozzjoni verbali li tgħid li l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li jsir streaming on line tal-laqgħat tal-Kunsill. Dan dejjem jekk l-ispiża biex tkun operata din is-sistema tkun ragjonevoli u jekk is-sala ma tiġix mbarrata b'ħafna armar u hekk ma tkunx tista tintuża għall-attivitajiet oħra. Josianne Cutajar issekondat il-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

5. **Youth Exchange.** Il-Youth Exchange sar u kien success. Dan ġie organizzat mill-Kunsill taż-Żgħażagħ bil-ghajnuna tal-Kunsill u sar bejn il-11 u 19 ta' Awwissu. L-attivitajiet pjanati saru kollha. Eucharist Camilleri ġibed l-attenzjoni li ma kienx hemm laqgħa uffiċċjali mal-membri tal-Kunsill u dan għandu jiġi indirizzat lill-organizzaturi. Dr. Rita Mifsud qalet li hi rat li ż-żgħażagħ kienu qegħdin jaħdmu tajjeb u ħalliethom jorganizzaw mingħajr indhil.

6. **Wine Festival 2013.** Il-Wine Festival 2013 sar mis-16 sat-18 ta' Awwissu. Din l-attivita kienet tajba ħafna. Eucharist Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-Wine Festival għandu jibqa jsir f' Awwissu. Hu kompla jgħid li f'dan il-weekend kien

hemm diversi attivitajiet f'Għawdex u kollha kienu suċċess u l-Kunsill m'għandux joqghod jara jekk hemmx xi attivita' jew festa oħra fil-ġranet li fih ikun ser jigi organizzat.

7. **Sqaqien.** It-tielet sqaq li qed isir taħt l-iskema ta' finanzjament ta' progetti specjali (Memo 87/2011) qed isir. Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni biex ma terġax issir ix-xatba f'dan l-isqaq.

8. **Korrispondenza.**

(4615) Memo 20/2013 – Korsijiet Ghall-Adulti (Life Long Learning Classes)
(4616) Applikazzjoni tal FECC – Dies Natalis 2013 27-29 ta' Settembru
(4617) Emails mingħand Carolyn Clements (Din l-Art Ħelwa) dwar it-Torri Sopu
(4618) Applikazzjoni Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities
(4619) Email mingħand Galea Curmi Engineering dwar shifting ta' bozza fi Triq San Blas
(4620) MEPA Circular 1/13 - Procedural and Policy Issues
(4621) Memo 18/2013 – Car Free Day 2013
(4622) Ittra mill-Ministeru għal Għawdex Direttorat għal Proġetti u Żvilupp dwar kontijiet tal-ilma tal-Latrina Pubblika
(4623) Notifika mill-MEPA dwar PA06951/06 – Triq it-Torri ta' Kenuna u Triq Dun Karlu Zimech
(4624) Stima għall-live streaming
(4625) Email mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar supliment fit-Times of Malta
(4626) Ittra ta' rizenja minn Therese Finger
(4627) Emails mal-Ministeru għal Għawdex dwar il-ftuħ tal-latrina fil-bajja ta' San Blas
(4628) Memo 19/2013 Każijiet Quddiem il-Bord ta' Gvernanza Lokali
(4629) Email mit-Transport Malta dwar sinjali sofor
(4630) Kopja ta' ittra minn George Mercieca (assenjat mal-Kunsill) – Expression of Interest from Amongst Public Employees to be released to work with Voluntary Organisations
(4631) Rapport mit-Transport Malta dwar Reserved Parking
(4632) Email miil-ETC dwar Skema xogħol fil-Komunita – Alex Buttigieg
(4633) Ittra minn Joe Camilleri dwar problema ta' ilma tax-xita fi Triq Dun Gorg Preca/Triq ta' Said
(4634) Email minghand id-Direttur Joe Portelli dwar it-triq ta' Dahlet Qorrot
(3645) Email mingħand il-Ministru Anton Refalo dwar it-Triq ta' Dahlet Qorrot
(3646) Memo 17/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal streaming tal-laqgħat on line
(3647) Playground First Inspection Reports
(3648) Email minghand Epsilon Adi Consortium dwar in-Natura 2000 Stakeholder Committee

9. **Partitia tal-Bocci.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar it-tinda fil-partita tal-boċċi ta' San Blas. Kif kien ġie miftiehem f'laqgħa precedenti tal-Kunsill, inġabru kwotazzjonijiet għax-xiri ta' ħadid neċessarju sabiex issir l-istruttura għat-tinda. (Ix-xogħol ser isir mir-residenti ta' San Blas li jiffrekwentaw dan il-post). Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Joseph Caruana & Co. Ltd. bil-prezz ta' €756.

10. **Natura 2000.** Il-Kunsill ġie nnominat sabiex ikun membru fil-kumitat (Stakeholder Committee for l-Inħawi tar-Ramla). Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun il-membru f'isem il-Kunsill tan-Nadur. Fil-każ li ma tkunx tista tattendi hi ser jattendi il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri.

11. **Litter Bins**. Il-perit u contract manager ippreżenta rapport ta' evalwazzjoni dwar l-offerta tal-bins tal-pjazza. Kien hemm tlett "tenderers" b'għażla ta' ħames

bins. Iżda tlieta minnhom ma kienux skond l-*ispecifcations* li talab il-Kunsill. It-tnejn li kienu skond it-talba tal-Kunsill kienu ta' l-istess ditta u għalhekk il-Kunsill għażel l-aktar waħda vantaġġjuża minn dawn li hija ta' SR Environmental Solutions bil-prezz ta' €1469 ghal kull bin. Il-Kunsill għandu applikazzjoni mal-MEPA għal fondi taħt l-iskema tal-Urban Improvement Fund għal dawn il-bins u għad qed jistenna risposta. Iżda l-Kunsilliera qablu li l-bins li hemm preżentament huma fi stat ħażin ħafna u hemm bżonn li jinbidlu anke jekk l-applikazzjoni ma tigix accettata. Il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur (SR Environmental Soluttions) li mhux ser juża parti mit-tender (dik tat-tneħija tal-bins eżistenti) peress li dan ix-xogħol jista jsir mill-ħaddiema tal-kunsill u ser jixtri biss tmien bins u mhux tnax kif speċifikat fl-offerta. Sadanitant il-kuntrattur ser jiġi mitlub sabiex jestendi l-bid bond.

12. **Korsijiet Life Long Learning.** Il-Kunsill tan-Nadur ser jorganizza tliet korsijiet taħt l-iskema tal-Life Long Learning. Dawn huma Taljan, Malti għall-barranin u Ingliz għar-residenti Maltin.

13. **Torri ta' Sopu.** Is-Sindku flimkien mas-Segretarju għamlu laqgħa ma' membri ta' Din l-Art Ħelwa fit-Torri ta' Sopu. Dan wara li sar xogħol fuq il-bejt tat-Torri Sopu li tħallas minn Din l-Art Ħelwa. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iħallas l-ispejjes inkonnessjoni ma "well guard" u information panels. L-ispiża għal dawn huma ta' €253.70 għall-well guard (dan biex it-toqba tal-bir ma tkunx perikuluża u €1026 għaż-żewġ "information boards". Il-Kunsill approva din l-ispiza.

14. **Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities**. Ser toħroġ it-tieni call taħt il-Measure 313. Ġie diskuss li proġett tal-Pjazza li għalih il-Kunsill diġa għandu l-permess meħtieġ mill-MEPA. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu japplika taħt din l-iskema sabiex jibda phase I mill-proġett tal-Pjazza.

15. **Transport Malta.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi triq il-Madonna ta' Lourdes sabiex isiru sinjali ta' pedestrian crossing fil-kantuniera ta' Triq il-Madonna ta' Lourdes ma' triq GPF Agius de Soldanis. Il-Kunsill ser jibgħat din it-talba lil Transport Malta.

16. **Korsijiet tal-Keep Fit.** Il-Kunsill għandu domanda kbira sabiex jergghu jigu organizzati l-korisijet tal-Keep Fit. Għalhekk ser joħroġ avviż u jitqassam f' kul residenza dwar dawn il-korsijiet li ser isiru minn Angelo u Jennifer Bonello u Radu Georghie.

17. **Car Free Day.** Il-Kunsill applika sabiex jorganizza l-attivita' tal-Car Free Day bħal ma dejjem għamel fil-passat. Din is-sena il-Kunsill applika biex l-attivita issir fi Triq Xandriku u tiġi abinnata ma' attivita li ser tiġi organizzata mill-Għaqda Armar Triq Xandriku. Risposta mingħand il-Gvern Centrali għandha tasal sa l-aħħar ta' Awwissu.

18. **Dies Natalis.** Il-konferenza tal-FECC tad-Dies Natalis ser issir f'San Marino bejn is-27 u 29 ta' Settembru 2013. Is-Sindku ser jattendi għal din il-konferenza flimkien ma' hames persuni oħra minn Nadur. Eucharist Camilleri issuġġerixxa li għal din id-darba biss il-Kunsill iħallas l-ispejjes inkonnessjoni mal-biljett ta' l-ajru tas-Sindku. Dan għaliex is-Sindku ma marx għall-laqgħa tac-Charter li hija issusidjata mic-Charter stess, sabiex jibqa' n-Nadur, waqt li l-Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv attendew din il-laqgħa fil-Portugal. Il-Kunsilliera qablu ma Eucharist Camilleri.

19. **Impjieg ta' Skrivan/a.** L-iskrivana tal-Kunsill tat ir-riżenja tagħha sabiex tkompli l-edukazzjoni tagħha barra minn Malta. Is-Segretarja Eżekuttiva ħadet ħsieb tinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ħarġet "call interna" skond il-proeċedura tal-Kunsilli Lokali. Jekk ma jkunx hemm applikanti minn din il-call tkun trid issir talba lill-ETC. Il-Kunsilliera qablu li l-persuna inkarigata għandu jkollha dawn il-kwalifiki:

-5 O levels (Malti, Ingliz u Maths u tnejn oħra)
-ECDL (il-modules kollha)
-Jkun jista' jaħdem nhar ta' Sibt
-Ikollu liċenzja tas-sewqan valida u mezz ta' trasport tiegħu
-Esperjenza f'xogħol simili fil-passat jkun ikkunsidrat ta' vantaġġ
-Lingwi barranin ikunu kkunsidrati ta' vantaġġ
- Esperjenza fl-applikazzjonijiet tal-EU ikun ikkunsidrat ta' vantagg
-Esperjenza f' organizzazjoni ta' attivitajiet

Il-Kunsilliera qablu li l-persuna maghzula m'għandiex tkun persuna li tkun "over qualified" għaliex huwa mportanti li l-persuna li timla din il-kariga tibqa f'dan il-post għal żmien twil u ma jkunx xogħol temporanju sakemm issib xogħol ieħor. Inġibdet l-attenzjoni li għal dan il-post m'hemmx bżonn li l-persuna jkollha degree ta' l-Universita'.

20. **Ħaddiem mal-Kunsill.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ħaddiem assenjat mal-Kunsill, George Mercieca. Dan talab sabiex jiġi "released" mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan iżda talab biex jintbagħat xi ħadd minfloku.

21. **Latrina Pubblika.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva e-mail mingħand Philip Vella mill-Ministeru għal Għawdex dwar l-egħluq tal-latrina pubblika fil-bajja ta' Daħlet Qorrot. Hu ta ordni biex il-Kunsill jiftah il-latrina immedjatament. Is-Sindku kien urtat bil-mod u t-ton ta' kif intbagħtet din l-email. Il-Kunsill kien ġie nformat li t-triq tiflah piz ta' zewġ tunnellati u mhux aktar. Għalhekk il-bowser ta' l-ilma ma jistax jinżel fil-bajja u lanqas jista jinżel il-bowser biex titnaddaf il-fossa. Minħabba dan il-latrina ma tistax tinfetah. Il-Kunsill minn naha tieghu ha hsieb ipoggi zewg mobile toilets sabiex il-pubbliku jkun jista jigi moqdi.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

**22. Triq Dun Ġorg Preca.** Il-Kunsill reġa rċieva ittra mingħand Joe Camilleri dwar l-ilma tax-xita li jaqa fuq Triq Ta' Said. Din il-problema żdiedet minn meta nbena ħajt tal-kantun minflok hajt li kien tas-sejjieh. Dan il-ħajt inbena mill-privat. Il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn dwar din il-problema għaliex ma jistax jaqleb l-ilma minn propjeta privata ghal fuq propjeta privata ohra.

**23. Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ser joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijet għas-segwenti:

Xatba tal-ħadid galvanizzat għall-entratura tal-playing field ta' San Blas.

"Railing" fil-Playing Field tal-Hali in-naħa tar-Ramla

"Railing" wara l-istatwa tal-Madonna fi Gnien il-Kunsill.

CCTV fi Gnien il-Kunsill

CCTV fl-ufficċju tal-Kunsill.

**24. Stqarrija tal-Kunsill.** Is-Sindku għamel mozzjoni biex il-Kunsill joħroġ stqarrija dwar il-każ tat-tindif li sar fil-bajja ta' San Blas b' makkinarju goff. Dan sabiex il-pubbliku ikun informat li l-Kunsill ma kellux x'jaqsam ma' dan ix-xogħol. Il-mozzjoni ġiet issekondata minn Eucharist Camilleri. Il-mozzjoni għaddiet unanimament. L-Istqarrija hija:

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jiddikjara li bl-ebda mod ma ġie konsultat mill-awtoritajiet ċentrali qabel sar xogħol bil-makkinarju fil-bajja ta' San Blas propju fl-eqqel tas-Sajf u meta mijiet jużaw din il-bajja għall-għawm.

Il-Kunsill sar jaf b' dawn ix-xogħolijiet meta bdew dehlin l-ilmenti fl-ufficċju tal-Kunsill minn għand ir-residenti u dawk li jiffrekwentaw din il-bajja li kienu diżgustati bil-mod li bih kien qed isir ix-xogħol.

Huwa deplorabbli li waqt dawn ix-xogħolijiet blat kbir li kien ilu jifforma parti mill-ambjent tal-bajja nqala minn postu u ntrema fil-baħar stess inkella fil-ġenb tal-bajja stess. Il-Kunsill jistaqsi għaliex sar dan kollu u xi bzonn kien hemm li blat li kien hemm minn dejjem jitneħħa b' dan il-mod b' makkinarju goff.

Il-bajja ta' San Blas taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali tan-Nadur u għal snin sħah il-Kunsill dejjem ta attenzjoni partikulari ghal din il-bajja sabiex jassigura li x-xogħolijiet li jkun hemm bżonn isiru mingħajr l-użu ta' makkinarju goff u dan biex jigi assigurat. Infatti din hija waħda mill-isbah bajjiet fil-gżejjer Maltin u mhux l-ewwel darba li spiċċat vvutata bħala waħda

mill-isbah bajjiet fil-Meditterran f' rivisit barranin.

Il-Kunsill Lokali jesigi li jekk l-awtoritajiet jemmnu u jridu jharsu l-awtonomija tal-Kunsilli Lokali l-anqas haga li ghandhom jaghmlu hu li jikkunsultaw mal-Kunsill Lokali fejn ikunu ser isiru xi xogholijiet. Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jiddikjara li dan mhux l-ewwel kaz fl-aħħar xhur fejn il-Gvern Centrali qabad u ghamel xogholijiet bla ma informa lill-Kunsill Lokali b' dak li kien ser isir fil-konfini tiegħu.

25. **Laqgħa tac-Charter fis-sena 2018.** Eucharist Camilleri qal li waqt li kien fil-laqgħa tac-Charter f'Samuel Portugal, hu attenda l-laqgħa tas-Sindki fin-nuqqas tas-Sindku tan-Nadur. F'din il-laqgħa gie diskuss fejn ser issir il-laqgħa tac-Charter (big meeting) tas-sena 2018. Eucharist Camilleri issuġġerixxa li din il-laqgħa issir f'Malta (Nadur), u dan meta li f'din is-sena Malta ser tkun il-belt kapitali tal-kultura (Valletta 2018). Il-Kunsilliera qablu fil-prinċipju ma' dan is-suġġeriment. Is-Segretarja għandha tikkuntattja lis-Segretarju tac-Charter dwar dan.

26. **Affarijiet oħra.** Eucharist Camilleri ġibet l-attenzjoni dwar ħaxix ħażin li hemm fi Triq ir-Rabat. Hu ġie informat li din hija triq arterjali u li l-Kunsill ilu ħafna jitlob sabiex din it-triq titnaddaf mill-ħaxix ħażin u biex issiru 'road markings". Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni sabiex issir il-bankina ta' Tony Grima ta' Triq Isqof M.F. Buttigieg. Josianne Cutajar gibdet l-attenzzjoni dwar kantuni fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar li jridu jinġabru. Jidher li qed jinfetaħ il-ħajt biex jidħlu ġol-għalqa u l-kantuni mhux jitpoġġew f'posthom. Fi Triq Grunju saret ħadida mal-bankina iżda din ma saritx sewwa u hemm bżonn li titranġa. Josianne Cutajar għamlet talba għall-sinjali sofor fi Triq Papa Ljun XIII faċċatta tal-garaxx ta' Michael Vella u għall-tabella "Dead End" f'passaġġ fi Triq Daħlet Qorrot. Josianne Cutajar reġgħet semmiet il-passaġġi fir-raba ta' Dumink Falzon fil-Qortin u Alfio Mifsud f'tad-Duru. Josianne Cutajar resqet talba ta' Anthony Muscat biex ikun hemm dawl fi Triq Wied Bingemma fil-parti mhux residentjali. Ma kienx hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera peress li kien hemm min qal li dawn ser joħolqu light pollution.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu 2013 fl-4:30 ta' wara nofsinhar.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**